# IL-BIDWI

**FOLJU MAHRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA**

EDITUR: **J. ORLANDO-SMITH**

**Nru. 122** **OTTUBRU, 1949.** **Nru. 122**


# L-INDUSTRJA TAŻ-ŻERRIEGĦA


ROBERT BIASINI, Direttur tal-Biedja.


**ISSA li l-interess fil-produzzjoni taż-żerriegħa kiber mhux ftit u li l-bdiewa ta' Malta, Għawdex u Kemmuna, qegħdin jifhmu kemm hija ta' għajnuna din l-industrja, deherli li nagħmel sewwa jekk ngħidilkom xi kelmtejn fuqha, billi d-Dipartiment tal-Biedja qiegħed jagħmel ħiltu kollha biex itejjeb il-pożizzjoni ġenerali tal-biedja ta' pajjiżna.**

**Din l-industrja twieldet f'Malta fil-bidu tas-sena 1942, sewwa sew f'nofs it-tieni Assedju l-Kbir ta' Malta, meta l-Uffiċċju tal-Kolonji Ingliż kien bagħat Malta lis-Sur Skillman biex jagħti l-idea tiegħu dwar jekk tistax titwaqqaf din l-industrja f'Malta. Is-Sur Skillman kien impressjona ruħu ħafna bil-possibiltajiet li l-klima tal-Gżejjer tagħna toffri għal dina l-industrja, u wara li dan kien bagħat ir-rapport tiegħu lill-Ministru tal-Kolonji, inbdew il-provi biex jaraw il-produzzjoni kif inhi. Ir-riżultati kienu tajbin u allura fl-1944 kienu bdew jittieħdu kuntratti minn djar Ingliżi għall-produzzjoni kummerċjali taż-żerriegħa f'Malta.**

Fl-1945, ir-riżultati kienu biżżejjed ċari u d-Dipartiment tal-Biedja kien irrikkmanda lill-Gvern ta' Malta biex jaħseb ħalli jibdew jittieħdu passi biex din l-industrja tgħaddi f'idejn xi kumpannija privata bħal ma kien fil-bidunett il-ħsieb tal-Gvern meta waqqaf din l-industrja. Id-djar Ingliżi bdew jieħdu interess kbir fil-produzzjoni taż-żerriegħa f'Malta, u kuntratti li jammontaw bosta eluf ta' liri ġew mogħtija lilna.

Bħal ma tafu intom, minn dik is-sena, sas-sena li għaddiet, ix-xita naqset, u naqset sena iżjed mill-oħra sakemm is-sena 1947-48 kienet ta' għatx kbir tant illi wkoll fis-sakwi, l-ilma kien ħżien wisq u l-ftit ħxejjex li ġew imkabbrin kienu wisq agħar minn dawk li konna nkabbru fi żmenijiet normali, u għalhekk ukoll minħabba l-iskarsizza tagħhom, kienu jġibu prezzijiet għoljin. F'dawn it-tliet snin il-biedja ta' pajjiżna ħadet daqqa ta' ħarta u marret lura ħafna. Bosta bdiewa tas-saqwi jistgħu jikkonfermaw dan u iżjed jikkonfermaw il-bdiewa kollha tal-bagħli.

**IT-TWAQQIF TA' KUMPANNIJA**

L-industrja taż-żerriegħa li tagħmel sehem mill-biedja ta' Malta, naturalment ħadet ukoll id-daqqa ta' ħarta tagħha, anzi rrid ingħid li d-daqqa tagħha kienet tinħass iżjed billi dan ġara fil-bidu tagħha u fl-ewwel sena li l-industrja għaddiet minn idejn il-Gvern għal taħt it-treġija ta' kumpannija privata. Infatti, fl-ewwel ta' Novembru 1947, il-"Malta Seed Limited", ġiet mogħtija monopolju għall-esportazzjoni taż-żerriegħa għal għaxar snin. Il-kumpannija bdiet taħdem f'nofs is-sena ta' l-1947, sewwa sew f'nofs sena ta' għatx li bħalha ma kenitx għamlet fil-mitt sena ta' qabel. F'dik is-sena l-kumpannija kellha kuntratti għal 267 tomna Zfunnarija; 32 tomna Pastard; 40 tomna Basal; 240 tomna Ravanell; 500 tomna Ħass; 28 tomna Qara' Bagħli; 66 tomna Ħjar; 58 tomna Kurrat; 100 tomna Tuffieħ Tadam u kwantitajiet iżgħar ta' Salvja, Spinaċi, Indivja u ħxejjex oħra, barra minn kwantitajiet ta' fjuri li kienu qegħdin jitkabbru fil-ġonna pubbliċi u ġonna privati.

Bħalma wieħed jistenna f'sena bħal dik, il-kumpannija ma setgħetx tmur tajjeb, u dan ħadd ma jista' jgħidu iżjed mill-bdiewa stess u bħalma għedna, l-iżjed il-bdiewa tal-bagħli.

**GHAJNUNA LILL-INDUSTRJA**

Iżda s-suċċess jiġi dejjem lil dawk innies li ma jaqtgħux qalbhom malajr, għaliex, skond ma ninsab infurmat, din issena l-kumpannija ma marritx ħażin miżżerriegħa li issa qiegħda tiġbor u li ġa bdiet tibgħat barra. Il-Gvern ukoll iddeċieda, permezz tad-Dipartiment tal-Biedja, biex igħin kemm jista' lil din l-industrja kif jixirqilha billi offra li jkabbar fil-ġonna tiegħu pubbliċi, fjuri u ħwejjeġ oħra u b'hekk fil-waqt li jgħin lil din l-industrja jkun qed isebbaħ il-ġonna u jdaħħal ukoll il-flus miż-żerriegħa tagħhom.

Industrja bħal din, biex timxi 'l quddiem u tkun ta' ġid għal pajjiż, jiħtiġilha għaqal kbir, kemm mill-mexxejja tagħha kif ukoll mill-bdiewa li jieħdu l-kuntratti għaż-żerriegħa; anzi rrid ingħid illi malgħaqal tinħtieġ ukoll l-onestà mill-bdiewa l-iżjed biex ma jkunx hemm taħlit ta' żerriegħa, għaliex għal dan, id-djar ta' barra huma attenti ħafna. Barra minn Malta kull dar taż-żerriegħa għandha dawk li jgħidulhom "Trial Grounds", jiġifieri raba' li fih tiġi ppruvata ż-żerriegħa kollha. Aħna, hawnhekk konna drajna li kull pastarda hija pastarda; iżda barra minn Malta, u dan ngħidu mhux għall-Ingilterra biss, imma għal pajjiżi kollha, kull differenza mqar ta' werqa mill-oħrajn tagħmel differenza kbira, għaliex b'hekk sena wara l-oħra tintilef ir-razza. Dan li qiegħed ingħid jgħodd għal-ħxejjex kollha kif ukoll għall-fjuri. Dan it-tibdil tar-razza nistgħu nifhmuh aktar malajr hawn Malta meta nħarsu lejn il-prodotti tagħna, bħal ma huma l-kaboċċi, il-pastard, il-basal u xi oħrjn. Basla bajda bil-mod il-mod tibda tiddakkar u b'hekk titlef il-lewn, iddehra u t-togħma.

**ŻERRIEGHA PURA**

Jiena ħadt pjaċir ħafna meta ġejt infurmat bl-interess u l-attenzjoni li qegħdin jieħdu l-bdiewa ta' Kemmuna, taħt it-treġija tal-Kaptan Turu Zammit Cutajar, sabiex ma jħallux xitel għaż-żerriegħa jiddakkar wieħed mill-ieħor. **Per eżempju varjetà ta' xitel tal-pastard ma għandhiex titħawwel qrib varjetà ta' pastard ieħor sabiex ix-xitel ma jiddakkarx minn xulxin. Meta f'inħawi ma titħawwilx ħlief varjetà waħda l-bidwi jkun qed jiżgura li ż-żerriegħa toħroġ pura. Meta titħawwel varjetà waħda biss fl-istess inħawi, il-bidwi jkun qiegħed jagħmel dak li jsejħulu "iżolament", jiġifieri twarrib ta' varjetà minn oħra u fl-istess inħawi.**

**PROTEZZJONI MEHTIEĠA**

Għal din ir-raġuni, fl-1942, malli bdew l-esperimenti mill-Gvern ta' Malta għat-twaqqif ta' l-industrja taż-żerriegħa, il-Gvern ħareġ ukoll liġi li ħadd ma jista' jħalli għaż-żerriegħa pjanti mingħajr permess tad-Dipartiment tal-Biedja. Liġijiet bħal dawn jeżistu fil-pajjiżi kollha ċivilizzati, u l-liġi ma għandhiex biss l-għan illi tipproteġi l-produzzjoni taż-żerriegħa minn xi kumpannija li titwaqqaf għal dan ix-xogħol, iżda wkoll biex tipproteġi bidwi minn bidwi ieħor. Biex nieħdu l-każ ta' Malta, jista' bidwi jkun jed ikabbar żerriegħa ta' xi ħaġa f'post fejn il-kumpannija taż-żerriegħa ma jkollhiex interess, u allura d-Direttur tal-Biedja joħroġlu permess biex jagħmel din iż-żerriegħa. Bidwi ieħor ħdejh, jew għax ikollu xi jgħid miegħu, jew għal xi raġuni oħra, jiddeċiedi li jagħmel ukoll ftit xitel għaż-żerriegħa li jistgħu jiddakkru ma' ta' l-ieħor. Kieku ma jkunx hemm liġi, x'jiġri? Jiġri li t-tnejn iwebbsu rashom bir-riżultat li ħadd minnhom ma jieħu żerriegħa kapaċi. Dana rajnih bosta drabi, u għadna narawh sal-lum, fil-kwantità ta' kromb li jidher fis-suq li ma jkunx tajjeb ħlief għall-għalf tal-bhejjem, bi ħsara għall-bidwi u għall-pajjiż. (Ikompli fil-faċċata 2).

